

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.7784 — CF Industries Holdings/OCI Business)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 370/05)

1. Fit-30 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża CF Industries Holdings, Inc. ("CF", l-Istati Uniti tal-Amerka) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' partijiet ta' OCI NV ("OCI Business") permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- CF: il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' fertilizzanti tan-nitroġenu u prodotti oħra tan-nitroġenu. Hija topera kum-plessi tal-manifattura tan-nitroġenu fl-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kanada u r-Renju Unit, u tqassam nutrijenti tal-pjanti permezz ta' terminals, imħażen, u tagħmir tat-trasport assoċjat lokalizzati principally fl-Istati Uniti tal-Amerka,
- OCI Business: il-manifattura u l-forniment ta' fertilizzanti tan-nitroġenu, il-melamina u l-metanol u l-kummerċ u d-distribuzzjoni ta' fertilizzanti tan-nitroġenu. Huwa għandu faċilitajiet ta' manifattura fl-Istati Uniti tal-Amerka u n-Netherlands, u netwerk ta' distribuzzjoni globali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7784 — CF Industries Holdings/OCI Business, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).